

Brussell, 28 ta' Awwissu 2026
(OR. en)

11848/26

AVIATION 115
RELEX 1008

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**dwar il-konklużjoni, tal-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan
dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1503¹, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru ("il-Ftehim") ġie ffirmat fit-23 ta' Ġunju 2026, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.
- (2) L-objettiv tal-Ftehim huwa li l-ftehimiet bilaterali dwar servizzi tal-ajru bejn 16-il Stat Membru u l-Każakistan jiġu jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni.
- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1503 tat-8 ta' Lulju 2025 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Każakistan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (ĠU L 2025/1503 24.7.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1503/oj>).

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Kazakistan dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru huwa approvat permezz ta' dan².

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha³.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President

² It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fi ... [*daħħal ir-referenza tal-ĠU*];

³ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.